TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 201/12-F

**Edgar Felice**

**vs**

**Domlite Store u J.P. Baldacchino & Co. Ltd.**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 t'Awwissu, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn, u tnejn u għoxrin ewro (€222), rappreżentanti prezz ta' żebgħa għall-bejt illi wara li applika din iż-żebgħa, bdiet titqaxxar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata Domlite Store, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' konvenuta *chiamata in causa* J.P. Baldacchino & Co. Ltd li hija l-aġent ta' dan il-prodott, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien applika l-*liquid membrane* fuq il-bejt fuq l-istruzzjonijiet li ngħatawlu, jiġifieri li naddaf il-bejt sew u ħallieh jinxef sew, u wara ġie applikat il-*liquid membrane*, pero' ż-żebgħa bdiet titqaxxar.

Ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta J. P, Baldacchino & Co. Ltd issottometta illi l-prodott ġie applikat ħażin u għalhekk ġara li ġara.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' diversi verżjonijiet, jikkonkludi li l-verżjoni tar-rikorrenti hija l-aktar waħda kredibli, stante li qed jemmen illi r-rikorrenti naddaf il-bejt sewwa u li applikah skont l-istruzzjonijiet, u li l-probabilta' hija li l-*liquid membrane* kien difettuż jew ta' xi kwalita' inferjuri.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata *chiamata in causa* J. P. Baldacchino & Co. Ltd tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata J.P. Baldacchino & Co. Ltd.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888